# Milli Niftakar mill-125 Sena Eżistenza tas-Soċjeta' Filarmonika Vilhena

minn Anthony Piscopo.

Maċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa titulari ta' San Publju, l-ewwel Isqof ta' Malta, festa li tiftaħ l-istaġun tal-festi fi gżiritna, aħna l-Furjaniżi qed niċċelebraw b'mod dinjituż għeluq il-mija u ħamsa u għoxrin sena mit-twaqqif tas-Soċjeta Filarmonika Vilhena.

<u>Nofs Seklu ta' Tifkiriet.</u>

Min Din il-medda tas-snin li għaddew minn fuqna, għandi tifkiriet ta' aktar minn nofs seklu li niftakarhom. Sa ma kelli tmien snin, konna noqogħdu faċċata tal-każin fi Triq Miratur qabel iġġarraf b'ħidma ta' l-għadu fl-aħħar gwerra dinjija, kif miegħu iġġarrfet id-dar fejn konna noqogħdu fuq l-Oklahomna Bar. Meta ġġarraf il-każin, kienu nqerdu bosta oġġetti prezzjużi u parti sew mill-istorja tas-Soċjeta' li diġa kellha 68 sena mill-eżistenza tagħha. Għalkemm nafu l-bidu tagħha mwaqqfa fl-1874, minn ir;iel u żagħżagħ Furjani]i li kellhom imħabba lejn l-arti mużikali, bl-ewwel każin tag[hom go villa faċċata ta' l-Argotti f'Barċellonetta, bl-ewwel President is-Sur Baldassere Portanier, sa l-1913 ma nafux min kienu dawk li gew warajh ikomplu jmexxu s-Soċjeta' u ma nafux meta minn Barċellonetta l-każin sab postu fi Triq il-Miratur.

<u>L-ewwel President li Lħaqt</u>

L-ewwel President li niftakar kien l-Avukat G. Caruana Colombo (1937 - 1944) li fil-Presidenza tiegħu kien iġġarraf il-każin, li mbagħad kien sar Imħallef u ħafna jiftakruh joqgħod fejn illum hemm l-uffiċini tal-UHM fi Triq San Tumas. L-imħallef Colombo kompla bil-Presidenza tiegħu meta l-każin Vilhena kien sab refuġju fi Triq Kappuċċini.



Il-Każin fejn kien fi Triq Miratur, jidher biss il-fanal fuq il-bieb.

Minn dan iż-żmien bil-President attwali l-Avukat Joseph Zammit McKeon għal dawn l-aħħar ħames snin konsekuttivi, meta kellu wkoll il-Presidenza f'idu ħames snin qabel (1983 - 1988), kien hemm 19 il-President ireġju s-Soċjeta', li wħud minnhom servew f'din il-kariga għal aktar minn darba f'perjodu differenti.

Bħala ex Presidenti li għadhom ħajjin hemm l-Avukat Victor Caruana Colombo (1960 - 1961) illum ex Imħallef, il-Kav. Simon Bonello (1971 - 1974), il-Kav. Carmelo Scicluna (1974 - 1975) u s-sur Victor Darmanin (1976 - 1977). Dawn is-sinjuri u żżid li s-Sur Anthony Grech Sant, President tal-Floriana F.C., huma kollha Presidenti Onorarji.

<u>Meta Riduni President</u>

Mhux għax m'għandiex ammirazzjoni lejn din is-Soċjeta' forsi għax l-ankri tfajthom f'oqsm'oħra, għalkemm għandi l-unur li jien wieħed mill-membri, l-kontribut lejn il-każin tal-Banda kien ftit ferm meta xi drabi kont inkunimsejjaħ biex nifforma parti mill-kummissjoni Elettorali għall-ħatriet tal-kumitati.

Iżda darba riduni President. F'perjodu ta' Presidenza ġa okkupata u qed tiffunzjona, bla ma nsemmi l-annu tagħha, lili kienu ħaduni quddiem avukat f'post Barċellonetta

jissokta f'paġna 46

misluf għall-okkażżjoni fost għadd ta' membri wħud għadhom xhieda ta' dan biex itajru l-President u jgħamlu lili minfloku, iżda jien ma konts aċċettajt.
Fi ġrajja ta' mija u ħamsa u għoxrin sena, hemm ħafna x'wieħed jirrakkonta. Fil-bidu tas-snin ħamsinijiet, il-każin Vilhena sab postu fejn jinsab illum, fl-aktar triq prinċipali ta' Malta. Niftakar it-tħabriek tad-delegazzjoni komposta mis-segretarju ta' dak iż-żmien Toninu Agius. Carmelo Barbara li kien it-teżorier u l-kuratur Ġulinu Debattista. Dawn ħadmu ħafna biex il-każin jerġa lura qrib fejn kien qabel il-gwerra fi Triq Miratur bid-daħla tiegħu fi Triq Sant'Anna. F'medda ta' snin bħal dawn għandek issib bosta ismijiet ta' nies li spikkaw fid-dedikazzjoni lejn il-każin, dawn kienu fl-imgħoddi u għadhom sal-lum.



Waqt it-tberik tal-irħama fit-taraġ tal-każin li tfakkar il-100 sena tas-Socjeta'.

Mafkar iċ-Ċentinarju
Iż-żmien jgħaddi minn fuq kollox u minn fuq kulħadd u fl-1974 taħt il-Presidenza tal-Kav. Simon Bonello ġie ffestiġġjat għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tas-Soċjeta', li kienu amalgamawha mal-festa titulari ta' San Publju.
L-attivitajiet kienu jikkonsistu f'wirja u taħdita fuq l-istorja mill-Profs. Walter Ganado fil-każin, dinner fil-Grand Hotel Excelsior, li bħala mistieden speċjali kien l-Arċisqof Mikiel Gonzi, quddiesa fil-każin ċċelebrata mill-istess Arċisqof, għall-membri u l-familjari tagħhom, preżentazzjoni ta' bandalora maħduma minn Suor Teobalba Bugeja fuq disinn tal-Kav. Antonio Agius li tfakkar il-mitt sena tas-soċjeta', akkademja mużikali fil-knisja Arċipretali u f'jum il-festa il-Profs.J.J. Cremona kixef lapida kommemorattiva fit-taraġ tal-każin li kienet imbierka mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi.
Iċ-ċelebrazzjonijiet komplew fil-ġimgħa ta' wara wara l-festa b'quddiesa għall-erwieħ tas-Soċji mejtin fil-knisja Arċipretali, preżentazzjoni ta' tifkira lill-bandisti antiki u l-festi għalqu b'kunċert mill-Malta Cultural institute taħt id-direzzjoni tas-Surmast Carmelo Pace.
Apatija Kbira
Għadda dan l-ewwel ċentinarju u maż-żmien flok kiber l-interess bdiet dieħla bħal apatija li donnu ħadd ma jrid jagħmel xejn. Nies biex imexxu dan il-blokk mużikali bħala kumitat ma bdewx jinstabu u min jaf kemm il-darba kif għidt, kont fil-kummissjoni elettorali, kellna nipposponu l-elezzjonijiet.
Fl-1975 - 1976, bħala President is-Soċjeta' kellha lis-Sur Paul Caruana. Reġa għadda għal din il-kariga fl-1977 - 1983 u reġa poġġa fuq l-istess sedja fl-1989, iżda deherlu li aħjar iqum minn fuqha u jinża l-ġlekk, ixammar il-kmiem kif irrakkonta hu stess fil-ktieb programm tal-każin ta' l-1994
" Meta ġejt lura f'dan il-każin bħala President fis-sena 1989, sibt apatija kbira fost il-membri, nuqqas ta' fondi u nuqqas kbir ta' interess fost il-membri, tant li anqas kellna biex niffurmaw kumitat.
Fhimtha li l-eżempju jkaxkar u middejt idi l-ewwel wieħed fuq ix-xogħol ta' l-indafa tal-każin. għall-ewwel sibt min jitkaża bija, pero l-eżempju ma damx ma qajjem kuxjenza patrijottika għax fi żmien sena, il-bravu Furjaniż Frans Bonett malajr ingħata b'ruħu u ġismu biex nerġgħu naraw il-każin Vilhena iqum għall-ħajja, attiv u mantenut kif jixraqlu."

Xegħel Sulfarina

Il-President, aktar magħruf bħala s-Sur Pawl kien xegħel sulfarina u dawwal kull rokna mudlama li kien hemm fil-banda u fil-każin. Lejn dawn iż-żewġ personaġġi ħabrieka bdew resqin oħrajn li middew idejhom u ħnexxielhom jgħamlu ħoss bl-attivitajiet u x-xogħol li għamlu biex iqajmu l-każin. Frażi oħra mill-indirizz li kont nikkwota minnu kient tgħid hekk, "San Publju webbel nukleju ta' żagħżagħ jidħlu membri deċiżi li jagħtu ħajja lill-każin."

U l-ħajja fil-każin bdiet tieħu xejra oħra bil-ħidma li kienet qed titwettaq.

Botom ta' Żagħżagħ

Fi ħdan il-każin, dawn iż-żagħżagħ li semma s-sur Pawl, intefgħu b'ruħhom u ġisimhom, iffurmaw kumitat u taw bidu t'opra kbira billi għamlu stallazzjoni ta' l-elettriku u dawlu l-każin kollu minn ras l-arblu tal-bandiera s'isfel bla ma l-każin ħareġ ċenteżmu. Din il-mixgħela kienet iżżanżnet f'għeluq il-120 sena tal-każin, u l-150 sena tal-Parroċċa.

Ix-xogħol baqa għaddej, u s-sur Pawl beda juri li għall-elezzjoni tal-1994, jikkontestha bla ma jerfa' r-responsabbilta ta' President. Il-kumitat kien tafa' ħarstu lejn persuna aktar żagħżugħa li ser nieħu silta mill-indirizz li kiteb fil-programm tal-festa 1995, maħruġ mill-Vilhena.

L-Avukat Joseph Zammit McKeon

"Wara li kont ili xi snin nieqes, jiena lqajt l-istedina ta' membri attivi tal-każin biex għal darb'oħra nagħmel parti mill-kumitat tal-Banda Vilhena. għas-sena 1994 -95. Naċċertakhom li ma kenietx deċiżjoni faċli għalija li nerġa' nassumi rwol attiv fil-kumitat prinċipalment għaliex id-dmirijiet tal-professjoni tiegħi flimkien ma mpenji oħra ta' natura pubblika, jokkupaw ħafna siegħat mill-ġurnata tiegħi u ftit iħalluli nifs.



Il-Fergħa Nisa waqt ir-riċeviment mal-ġurija taljana, l-għada tal-festival fis-sala tal-Każin

Għal din ir-raġuni min ġie jħajjarni biex mill-ġdid nifforma parti mill-każin tħabat mhux ftit sakemm ikkonvinċieni naċċetta."

"Min ġie jħeġġiġni" kiteb l-avukat, "tħabat mhux ftit sakemm ikkonvinċieni naċċetta". Imqabbad minn żewġ membri tal-kumitat Chris Vella u Pierre Micallef biex nikkonvinċi lill-avukat jaċċetta, u miegħi kien hemm oħrajn, inħoss li għent biex irregalajt lill-banda Vilhena personaġġ ideali li taħt id-direzzjoni tiegħu li kompla fuq il-predeċessur tiegħu is-Sur Pawl li baqa sa ma miet fit-22 ta' Marzu 1996, fil-kariga ta' Viċi President, il-każin ra bidliet kbar tul dawn l-aħħar snin li bla ma ninsew lil dawk ta' qabilhom b'mod speċjali dawk li 125 sena ilu żergħu iż-żerriegħa u komplew isaqquha dawk li ġew warajhom, inthom 'Kumitat Eżekuttiv", "Kumitat Żagħżagħ" u "Fergħa Nisa", kif ukoll "Direzzjoni Banda" jixirqilkhom kull tifħir għall-progress li għamiltu lis-Soċjeta' Filarmonika Vilhena. J'Alla dawk li għad jiġu warajkhom jibqgħu jgħożżu dan il-wirt li ħallewlna missirijietna.